**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Dicembru, 2018

Rikors Guramentat numru : 132/16 AL

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri I B nominata b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Gunju, 2016**

**vs**

**C B u b'digriet tal-1 ta' Dicembru, 2017 l-Avukat Dr Patrick Valentino u il-PL Daniel Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi hija pprezentat ittra numru 359/16 sabiex jinbdew proceduri ghas-separazzjoni taghha minn zewgha C B;

Illi permezz ta' digriet nru 594/16 tal-4 ta' Marzu 2016 din il-

Qorti awtorizzat lir-rikorrenti tipprocedi ghas-separazzjoni personali previa n-nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti (DOK A);

Illi r-rikorrenti izzewget lill-intimat C B nhar is-27 ta' Lulju 1999 fir-Registru Pubbliku Valletta (DOK B);

Illi miz-zwieg taghhom kellhom tifel jismu I B li ghandu hmistax-il sena;

Illi l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizji, minacci, adulterju, theddid u abbandun minn naha tal-intimat;

Illi l-intimat ilu s-snin li telaq minn Malta u l-attrici qatt ma ratu aktar;

Illi ghalhekk mhux imantni lilha u lanqas lil binha minuri 'l fuq imsemmi;

Illi hija ma tafx fejn mar joqghod;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti :

1. Tippronunzja s-separazzjon personali bejnha u l-intimat C B bi htija tal-intimat;
2. Takkorda lilha u lil binha minuri 'l fuq imsemmi dak il-manteniment li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi;
3. Tillikwida u taqsam il-komunjni tal-akkwisti bejn l-partijiet;
4. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri I B lir-rikorrenti;
5. Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li din il-Qorti jidhirlha xierqa;

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li hu ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u il-PL Daniel Aquilina, li in forza taghha eccepew : fol. 39

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottejnu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u il-PL Daniel Aquilina;

Rat l-affidavit tal-attriċi u l-atti kollha tal-proċediment;

Semgħet lix-xhud prodott mill-attriċi;

Rat illi l-kuraturi għall-assenti ma kellhomx provi xi jressqu;

Rat illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Ġunju 2018, il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti tirreferi għar-rikors promotur minn fejn jirriżulta illi r-rikorrenti talbet:

- il-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut;
- takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri I B lir-rikorrenti;
- illi tkun iffissata retta alimentarja xierqa għaliha u għal binha minuri;
- il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;
- tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

Il-fatti f'din il-kawża qed jiġu kkompilati mill-affidavit tal-**attriċi**[1], ikkorraborat mix-xiehda ta' ommha **D E**[2], minn fejn jirriżulta:

(a) Il-partijiet iżżewġu fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fis-27 ta' Lulju 1999[3], bl-attriċi ta' nisel u nazzjonalita` Maltija, fil-waqt illi l-konvenut assenti huwa Eġizzjan;

(b) Ir-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet madwar sena qabel iż-żwieġ u kienet normali sija fl-għerusija u wkoll fil-bidu taż-żwieġ; Il-konvenut kien jinsisti mal-attriċi biex jiżżewġu, iżda billi hija kienet għadha m'hijiex ċerta, kienet tħalli ż-żmien jgħaddi sakemm tagħtih risposta. Wara li kien ilhom joħorġu flimkien xi sena, kienet aċċettat illi jiżżewġu;

(c) Ftit tax-xhur wara ż-żwieġ, hija inqabdet tqila, b'dana illi f'Ottubru 2000, kien twieled iben il-partijiet li jismu I;

(d) Fiż-żwieġ, il-partijiet dejjem għexu flimkien ma' omm l-attriċi u cioe D E fl-indirizz XX, dan billi huma kienu jgħixu fis-sular ta' fuq, filwaqt li ommha kienet tgħix isfel; id-dar hija l-istess dar fejn l-attriċi trabbiet mal-familja tagħha u ommha tokkupaha b'titolu ta' kera;

(e) C kien jaħdem fil-ġebel u l-attriċi ma kinitx taħdem bi qligħ; Huwa kien jgħaddilha biss għoxrin Lira Maltija (Lm20) għall-ħajja, li iktar tard saru ħamsin Ewro (€50); Dawn il-flus ma kienux iservuha u ommha kienet tagħmel tajjeb għal xi spejjeż bħall-kera tad-dar u l-kontijiet tad-dawl.

[1] Esebit fol. 15;

[2] Xiehda mogħtija fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju 2018, fol. 44;

[3] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv, fol. 4;

(f) Minn dejjem kien hemm xi ftit tal-problemi bejn il-partijiet iżda mbagħad wara xi disa' jew għaxar snin taż-żwieġ, dawna żdiedu u ma baqgħux jaqblu. Il-konvenut assenti beda joħroġ waħdu u lill-attriċi ma jħallihiex tmur miegħu. Kien jgħid li kien ikun ma' sħabu. Kienu jargumentaw għaliex kien imur tard esaġerat mix-xogħol u kien ikollha toqgħod iċċempillu u tistennih. Ġieli kien isiefer lejn l-Eġittu u darba minnhom lanqas biss informaha meta kien ġej lura. B'hekk kienet tgħix f'inċertezza kbira. Lejn l-aħħar tal-konvivenza matrimonjali tal-partijiet, lanqas biss baqgħu joħorġu flimkien bħala familja. Anke l-intimita` bejniethom kienet saret "ta' bilfors";

(g) Darba ġie lura mill-Eġittu għall-għarrieda u kellhom argument għaliex l-attriċi nsistiet illi bħala martu, hija kellha tkun taf meta kellu jiġi lura Malta. Dakinhar stess kien qabad il-bagalja li ġie biha u qalilha li ser jitlaq u ma jiġix iktar. L-attriċi ma kinitx emmnitu iżda fil-fatt hekk għamel. Dana seħħ f'Diċembru 2011, meta t-tifel kellu ħdax-il sena.

(h) Minn dakinhar, hija ma reġgħetx kienet f'kuntatt miegħu u lanqas taf fejn mar. Sal-preżent, hija għadha ma tafx fejn jinsab. Kien ħallieha bla kliem u bla sliem;

(i) Minn meta telaq, huwa naqas illi jagħmel kuntatt magħhom u minn dakinhar qatt ma taha jew bagħtilha xi flus jew manteniment, la għall-attriċi personalment u lanqas għal iben il-partijiet. B'hekk, l-attriċi ġiet kostretta illi tgħix bil-benefiċċji soċjali li bdiet teħodhom xi sena wara li kien abbandunahom;

(j) Mit-twelid ta' binhom sal-preżent, l-attriċi dejjem ħadet ħsieb it-tifel, li jgħix magħha, kemm mill-aspett tal-kura tiegħu u wkoll mill-aspett finanzjarju;

(k) Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi tixhed li l-partijiet la kellhom assi u lanqas kontijiet bankarji. Billi l-konvenut ma kien jgħidilha b'xejn, hija ma tafx jekk huwa kellux xi assi. L-attriċi m'għandha xejn fil-pussess tagħha.

(l) Il-partijiet lanqas ma kellhom xi assi parafernali;

PRINĊIPJI LEGALI

Mir-rikors promotur jirriżulta li l-attriċi tiffonda l-azzjoni tagħha għas-separazzjoni minn ma' żewġha fuq l-abbandun. L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[4] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva,*

[4] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

*ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe.[5] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

Il-firda personali immotivata mill-abbandun ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi f'każ ta' abbandun (kif ukoll f'każ ta' adulterju) huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[6];***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

---

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

[6] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL- KAŻ ODJERN

Illi m'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenut sia mid-dar konjugali u wkoll mir-rikorrenti. L-abbandun tiegħu huwa wieħed li jinkwadra sewwa fil-kriterji li ġew elaborati iktar 'il fuq u cioe:

1. L-abbandun ilu għaddej għal iktar minn sentejn. Jirriżulta illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali f'Diċembru 2011 u baqa' sal-lum, seba' snin wara, qatt ma rritorna lura. L-intimat ilu nieqes għal kważi seba' snin, mingħajr ebda kuntatt imqar telefoniku mal-attriċi u konsegwentement temerġi kjarament l-intenzjoni żgura u ferma tiegħu li ma jerġax imur jgħammar mar-rikorrenti.

2. L-abbandun ma kienx ġustifikat. Mix-xiehda tal-attriċi, jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni valida biex iwassal lill-intimat jitlaq mid-dar taż-żwieġ. Minkejja li jirriżulta li kien qed ikun hemm disgwid bejn il-partijiet regolarment, il-konvenut qabad u telaq ħabta u sabta, mingħajr ma offra ebda spjegazzjoni. Jekk kien hemm xi ġustifikazzjoni għalfejn huwa qabad u telaq, huwa ma ressaqx ir-raġunijiet tiegħu għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

Adoperat dan ir-raġunament għall-każ partikolari hawn eżaminat jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi msejsa fuq l-abbandun hija ġustifikata. Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm l-ebda raġuni għala m'għandhiex tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B. Qed issib li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' abbandun fil-konfront ta' martu u kwindi unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Bħala konsegwenza, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jitlob u/jew li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

Rigward it-talba tal-attriċi għall-**<u>kura u l-kustodja</u>** ta' iben il-partijiet, I, jirriżulta illi fil-mori tal-proċediment, dana għalaq tmintax-il sena, billi huwa twieled f'Ottubru tas-sena 2000. B'hekk huwa llum maġġorenni u m'hemmx iktar lok li l-Qorti tippronunċja ruħha dwar il-kura u l-kustodja tiegħu.

Dwar it-talba għall-**<u>manteniment għall-attriċi</u>** personalment, il-Qorti tikkonferma li l-attriċi ma wettqitx xi għemil li kawża tiegħu hija tilfet id-dritt li titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand żewġha. Illi ma tressqet ebda prova dwar il-kapaċita` lavorattiva tal-konvenut jew l-introjtu tiegħu, u lanqas ebda prova dwar il-bżonnjiet tal-attriċi. Il-Qorti taf biss illi sakemm kien Malta, il-konvenut kien jaħdem fl-industrija tal-kostruzzjoni u kien komdu jgħaddi lil martu ħamsin ewro (€50) fil-ġimgħa. Taf ukoll illi preżentement l-attriċi tiddependi mill-benefiċċji soċjali għall-għixien tagħha. Il-Qorti tirrileva illi f'dan l-istadju, l-attriċi għandha l-potenzjal kollu li toħroġ taħdem sabiex iżżomm lilha nnifisha materjalment. Hija m'għandha l-ebda diffikulta` jew impediment sabiex taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħal ħaddieħor. Inoltre, iben il-partijiet illum kiber u għalkemm xorta waħda jkollu bżonn l-assistenza t'ommu, ċertament l-istess assistenza li hija tagħtih volontarjament, ma tistax timpediha milli tmur taħdem. Illi għalhekk fil-waqt illi tikkonferma li l-attriċi ma tilfitx id-dritt li titlob manteniment mingħand żewġha, f'dan l-istadju u fiċ-ċirkostanzi preżenti tal-attriċi, il-Qorti m'hijiex sejra takkorda manteniment għaliha pagabbli mill-intimat assenti.

Dwar il-manteniment għal I, kif intqal, iben il-partijiet huwa fil-preżent maġġorenni. M'hemm xejn fl-atti proċesswali illi jindika illi huwa għadu qiegħed jistudja b'mod fiss. Illi għalhekk m'hemmx lok ta' ordni ta' ħlas ta' manteniment għaż-żamma tiegħu.

**Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti**: L-attriċi titlob biss il-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti, mingħajr ma titlob ukoll ix-xoljiment tagħha. Minkejja dan, il-Qorti tħoss illi jkun xieraq u opportun illi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dana bis-saħħa tal-Artikolu 1332 (1)(e) tal-Kapitolu 16 ta' Liġijiet ta' Malta u wkoll bis-saħħa tal-ħames talba tal-attriċi fejn hija talbet lill-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet u d-direttivi oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa. Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B.

Illi l-attriċi tiddikjara illi l-partijiet m'akkwistaw xejn fiż-żwieġ – la propjeta` immobbli, la kontijiet bankarji u lanqas vetturi. Illi għaldaqstant ma hemm xejn li jeħtieġ jiġi likwidat, diviż u assenjat u fil-fatt il-Qorti m'hijiex ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba tal-attriċi.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B bi ħtijiet uniċi tal-intimat assenti C B li rrenda ruħu ħati ta' abbandun fil-konfront ta' martu ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 ta' Liġijiet ta' Malta;

[2] Dwar t-tieni talba attriċi, f'dan l-istadju, tiċħad it-talba tal-attriċi għall-manteniment għaliha personali, iżda tikkonferma li l-attriċi ma tilfiltx il-jedd illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand żewġha, fl-eventwalita` ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi tagħha; Dwar il-manteniment għal I, m'hemmx lok ta' ordni ta' ħlas ta' manteniment għalih in vista li huwa maġġorenni u m'hemm xejn fl-atti proċesswali illi jindika illi huwa għadu qiegħed jistudja b'mod fiss.

[3] Tastjeni minn deċiżjoni dwar it-tielet talba tal-attriċi;

[4] Tastjeni minn deċiżjoni dwar ir-raba' talba attriċi, in vista li I B huwa llum maġġorenni;

[5] Tilqa' l-ħames talba attriċi billi:

a. tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwsiti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B;
c. tawtorizza r-reġistrazzjoni ta' din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;
d. tiddikjara illi l-intimat C B tilef kull jedd illi jirrisjedi fid-dar ġja matrimonjali.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.